

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2009/C 196/07)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida commemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mis-Slovakkja

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti tal-euro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha konċernati li jużawhom ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti euro huma awtorizzati li joħroġu muniti euro commemorattivi maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti ta' 2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' 2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom jippreżenta disinn commemorattiv simboliku qawwi fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

Pajjiż tal-ħruġ: Is-Slovakkja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: L-20 anniversarju tal-ġurnata tal-libertà u d-demokrazija

Deskrizzjoni tad-disinn: Il-parti interna tal-munita tirrappreżenta qanpiena konvenzjonali fformata minn sensiela ta' ċwieviet, b'tifkira tal-manifestazzjoni tas-17 ta' Novembru 1989, meta ċ-ċittadini mmarċjaw filwaqt li ċčekċku ċ-ċwieviet u li mmarkat il-bidu tar-"rivoluzzjoni tal-bellus". Taħt id-disinn tal-lemin, il-marka tal-artist u dik taz-Zekka Slovakka (Mincovna Kremnica). Mad-dawra tad-disinn, fuq nett: il-kliem "17 NOVEMBER SLOBODA – DEMOKRACIA" (libertà u demokrazija) u d-dati "1989-2009"; taħt nett: l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-ħruġ "SLOVENSKO".

Iċ-ċirku estern tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Kwantità ta' muniti maħruġin: 1 miljun munita

Data ta' ħruġ: Novembru 2009

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1-30 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52-55).